# MISTOQSIJIET U TWEĠIBIET

*G. B.* (VALLETTA). Fil-Malti, il-kelma *donn* fis-suriet ta' *donni, donnok, dinnu, donnha, don'na, donnkom, donnhom* ma jidhirx li hija verb, għalkemm għandha t-tifsir tal-verb *sembrare, parere* tat-Taljan.

Il-kelma *donn* tinhemeż mal-pronomi-*i,-ok,-u-ha-na,-kom, hom* bħall-partiċella *għand* u bħalha tieħu t-tifsir ta' verb eż: *Għandi, għandek, għandu* eċċ. Hekk ukoll il-partiċella *bi* fil-qawl: *Bini l-ġuħ.*

Il-kelma *donn* twieġeb għall-kelma Għarbija *dunn* ta' Tripli u ta' l-Alġerija u tfisser: *fehma, ħsieb.* Bħall-malti tinhemeż mal-pronomi *mnisslin :-i,-ok,-u,-ha,-na,-kom,-hom,* imma tieħu qbilha wkoll il-partiċella *fi* eż: *Fi-dunn-i = Nifhem li* jew *Naħseb li.* Il-pronom imnissel ġie li tieħdu l-partiċella *fi* u din timxi wara. Eż: *Dunn* jew *dann fini el-ħajr=jien għandi fehma tajba* (GRIFFINI u CHERBONNEAU). Vassalli (*Lexicon* pag. 148) ġieb il-kelma *donn = Videtur* taħt il-verb: *Dann, jdonn = Puto illum esse* eċċ. AGIUS DE SOLDANIS qal li hija kelma *Punica*. Imma Agius de Soldanis ma jidhirx li kien jaf il-Għarbi.

Fil-Għarbi letterarju jinsab il-verb *dann*(a) passât *jadunn*(u) (present) li jfisser *ħaseb, jaħseb.* Wieħed fost il-verbi msejħin *Afgħali el-Qulûbi (verbi di cuore o di pensiero.)* (SCIALHUB. SCHLIENZ.)

Fil-malti, dal-verb kont naħseb li ma jinsabx jew li ma għadux f'ħalq il-poplu, imma l-Prof. Temi Zammit għarrafni li l-verb *dann, jdonn* għadu jingħad minn xi wħud, iktarx bit-tifsir tal-verb Taljan *sospettare* eż: *Jiena lil dak il-bniedem indonnih=Dak il-bniedem iħassibni.* Din it-tifsira jagħtihielu wkoll Vassalli u fuqu Falzon.

Is-sura ta' *donni, donnok* eċċ. fil-grammatka mhi xejn biċċa mill-verb *dann, jdonn*, imma sura għaliha bħal ma fehimna, għalkemm iż-żewġ kelmiet ħerġin minn *ħsieb* wieħed u iktarx minn għerq wieħed.

A. C.

—Għal darb'oħra ħallejna artikolu sabieħ ħafna fuq *kif titqassam l-Istorja tal-Knisja* mill-pinna tal-Patri Gerard Paris O.P. Xtaqna ħafna nġibuha din id-darba għax ilha ħafna għandna, iżda naqasna l-wisa'. Naħsbu li P. Paris jagħdirna.

# BIBLIJOGRAFIJA

ALF. MARIA GALEA *Ecclesiastes* u *Ctieb il Għerf* mfissra bil-Malti. Empire Press 1927 pp. 124.

Il-Bibbja! Ma hemmx ktieb isbaħ minnu, ma hemmx għerf ikbar milli ssib fih, u kif lê jekk Alla n-nifsu nebbah lil dal-Kittieba tal-qedem x'għandhom igħidu!! Għaddew eluf ta' snin u l-Bibbja għadha maħbuba minn kullħadd, u minn kullħadd imfaħħra. Għaddew snin fuq snin, tbiddlu żmenijiet, żdied il-għerf fid-dinja iżda dan il-għerf mhux talli ma waqqâx il-għerf tal-Kotba Mqaddsa iżda iżjed sewa biex jirfdu, u għalhekk tassew hemm għaliex kullħadd iħobbhom dawn il-Kotba. U taħsbux li aħna l-Kattoliċi biss inħobbuhom, għax wisq nibżgħu li aħna l-anqas li nafu fuqhom. Il-lhud, il-protestanti jafu l-Bibbja fuq ponot subgħajhom. Tridux tgħidulna ftit aħna x'nafu? Li tkun taf li Ġeremija beka biki tad-demm fuq il-waqa' ta' Ġerusalemm mhux biż-żejjed, hemm bżonn tkun taf x'qal u kif qalu. Għalhekk jeħtiġilna naqrawhom u nifhmuha bil-għajnuna ta' min jista' jfissirhomlna jekk irridu nintebhu bil-għerf blá tmiem li jinsab f'dawn il-kotba mqaddsa.

Għidna li aħna l-Kattoliċi qajla nafu x'fiha l-Bibbja, issa wisq iżjed aħna l-Maltin. Jekk ħadd ieħor isib il-Bibbja b'ilsienu, aħna nsibuha?

Iżda issa, sa fl-aħħar, il-Malti qam mir-raqda li kienet toqtlu, issa se'r ikollna aħna wkoll dawn il-Kotba Mqaddsa maqluba bi lsienna.

S'issa, barra dak li qiegħed ilesti r-Revd. Saydon, għandna *Il-Kotba ta' l-Evanġelju u l-ktieb ta' l-Appostli* minn G. MUSCAT AZZOPARDI, *Ktieb s-salmi tas-sultan David* minn RICHARD TAYLOR, *Ruth* mill-MONS. C. CORTIS DD., il-*Biki ta' Ġeremija* minn DUN P. P. GRIMA DD., *Ktieb il-Qwiel ta' Salamun* u issa dan ta' idejna mis-sur ALF. M. GALEA.

Is-sur Fons dejjem minn ta' l-ewwel biex igħallem ulied il-ħaddiema, u għalhekk indaħal b'ruħu u ġildu għal dan ix-xogħol. Did-darba għandna l'*Ecclesiastes* u *Ctieb il Għerf.* Ma għandniex xi ngħidu, is-sur Fons ħareġ ta' raġel għax fissirhom bil-għaqal.

Biex ingħidu sew, ħaġa waħda ma niżżilniex. Aħna jidhrilna li jekk is-sur Fons jixtieq li dawn il-kotba jisfaw iżjed ta' ġid, jinħtieġ li jdaħħal malti ftit u xejn iżjed